# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1936

## DIZZJUNARJU MALTI

Bosta nies li jħobbu 'l Malti resqu fuqna u b'qalbhom f'idejhom qalulna: "Il-Malti miexi ġmielu: mijiet ta' żgħażagħ li ma kinux jaqraw ħlief bit-taljan jew bl-ingliż, il-lum jaqraw bil-malti wkoll u jitgħaxxqu bih, għax kulma jmorru aktar iħossu l-qawwa tiegħu, itiegħmu l-benna tiegħu, u jifhmu l-grammatka tiegħu. Għajb, jaħasra, li ma hawnx dizzjunarju tajjeb li, fil-waqt li jagħtik il-vokabolarju kollu tal-lsien malti, jagħtik ukoll is-suriet kollha li kelma tista' tieħu u l-frażijiet li jitnisslu minnha, bit-tifsir tagħhom."

Ħaġa sabiħa kemm tista' tkun dizzjunarju li jaqdik f'kull ma tista' teħtieġ fl-istudju ta' lsien; iżda min jitkellem hekk fuq dizzjunarju malti juri li qatt ma ħaseb, u bosta anqas ma fehem, ix-xogħol ta' ħsieb, ta' ħeġġa, ta' ġabra, ta' reqqa u ta' sabar li jitlob dizzjunarju ta' din il-għamla.

Dizzjunarju tajjeb hi dejjem ħaġa iebsa, imqar jekk ikun ta' lsien li għandu letteratura kbira, mibnija fuq sisien grammatikali li ma jiċċaqalqux u mwettqa minn l-użu ta' mijiet ta' snin: iżda meta l-lsien ikun għadu ma ħax dik il-qagħda sħiħa li tiġi mill-fehma għalenija ta' kittieba tajba u mid-drawwa twila ta' min jitkellem, u jaf jitkellem, b'dak il-lsien, ix-xogħol ta' dizzjunarju tajjeb jitqal bosta iżjed, u jitlob studju, ħsieb u reqqa li ħadd ma jifhimhom ħlief min imidd għonqu għal dak ix-xogħol.

L-ilsna ta' l-Ewropa għandhom kollha dizzjunarji tajbin li jgħaġġbuk. Tfittex kelma u ssib in-nisel tagħha, il-għamliet kollha li tieħu, il-għajdut kollu li jitnissel minnha u t-tifsir imżewwaq li jista' jkollha fil-ħabtiet kollha tal-ħajja; u inti tħoss li fuq dik il-kelma ma jonqsok xejn. Sabiħ! imma staqsi kif saru dawk id-dizzjunarji; kemm nies ħadmu fihom; kemm dizzjunarji twieldu u mietu qabilhom biex huma waslu għal dik it-tjieba, dik is-saħħa u dak il-ġmiel li semmejna.

Ma ilux wisq ġiet f'idejna kopja tad-"*Daily Telegraph*" tas-7 ta' Settembru tas-sena li ħarġet, fejn Dr. Betty Morgan jitkellem fuq id-dizzjunarju tal-lsien franċiż, imħejji mill-Akkademja Franċiża u li għadu kif tlesta. Ma għandna x'naħsbu xejn: għandu jkun dizzjunarju li jsaħħar lil kull min jużah; dizzjunarju kif jixraq lill-ilsien franċiż, għani b'letteratura tal-għaġeb u aktarx il-lsien l-iżjed preċiż fit-tifsir tal-kliem tiegħu. Iżda lill-kompilaturi tiegħu swielhom ix-xogħol ta' ħamsin sena, u din l-edizzjoni hi t-tmien waħda li għandha tieħu l-post ta' dik ta' qbilha, li ħarġet fl-1878.

U għandu wieħed iżomm quddiem għajnejh illi l-kittieba li ħadu sehem f'dak ix-xogħol huma mill-aqwa kittieba ta' Franza, biex ma ngħidx tad-dinja, għaliex in-nies li jidħlu fl-Akkademja ta' Franza jridu jkunu taw xhieda qawwija tal-mertu tagħhom fil-letteratura, fix-xjienza jew f'xi qatgħa oħra tat-tagħlim.

Għalhekk, ta' min ifaħħarha l-kelma ħierġa mill-qalb ta' min iħobb 'il-Malti, u x-xewqa li jkollna dizzjunarju tajjeb tal-lsien malti; iżda billi aħna nafu xi ftit xi jfisser dizzjunarju tajjeb u x'jeħtieġ biex isir, lil dawn il-ħbieb ingħidulhom li bil-qalb it-tajba jissabbru xi ftit u jistennew, għaliex dizzjunarju tajjeb qatt ma sar bil-għaġla.